Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Avviz Numru: 769/13AE

**Silvana Gandolfo Mazza (I.D. 57512A)**

**Vs**

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875)**[1]

L-Erbgha, 13 ta' April 2016.

L-attrici (appellata) harrket lis-socjeta konvenuta (appellanti) ghas-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (EUR 3,494.06) wara li ppremettiet:-

*"Fl-1/02/2012 ghal habta tat-14.55 rikbet minn gewwa l-ajruport fuq xarabank tal-kumpannija Arriva li kienet destinata ghac-Cirkewwa w li kienet iggib in-numru tal-pjanca BUS 072. Ix-xufier tax-xarabank kien qed isuq b'manjiera perikoluza hafna billi kien qed isuq b'velocita qawwija hafna w sahansitra kien qed jaghmel uzu tal-mowbajl. F'xi hin qabel ma x-xufier wasal hdejn il-mina ta' Santa Venera, ix-xufier induna b'zew karozzi li kienu weqfin. Hu hasad il-brejk b'rizultat li l-passiggieri hadu skoss qawwi hafna. B'rizultat ta' dan l-iskoss jien weggajt serjament u dan hekk kif iccertifikat mill-Orthopedic Surgeon Mr Raymond Aquilina liema certifikat huwa anness.*

*L-ammont dovut huwa ta' 3,494.06 u jinkludi l-ispejjez medici, legali w d-dani li jiena sofrejt kemm psikologikament u kif ukoll fizikament."*

It-tieni eccezzjoni taqra:

***"2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta konvenuta Arriva Malta Limited m'hijiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna."***

Fis-seduta tat-3 ta' Frar 2015, it-Tribunal iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni.

Fil-verbal tas-7 ta' April 2015 jinghad li: *"Inghatat sentenza preliminari"*. It-Tribunal qal:-

*"It-TRIBUNAL iqis li biex taghmel sens din is-sentenza preliminari mitluba trid tqis it-tielet eccezzzjoni mressqa "minghajr pregudizzju ghas-suespost" li "la s-socjeta' konvenuta u l-ebda mill-impjegati taghha ma huma responsabbli ghall-incident in kwisjoni." Dan ifisser li l-istess Socjeta' Konvenuta qed tintroduci "impjegati taghha" ghalkemm m'hemmx xi talba formali ta' sejha fil-kawza.*

[1] Originarjament bhala konvenuta giet imharrka Arriva Malta Limited. Sussegwentement fuq talba tal-attrici giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens li isem il-konvenuta jkun dak attwali.

*It-TRIBUNAL iqis bhala pass logiku li l-Qorti ghandha tiddeciedi u qed <u>tiddeciedi</u> li l-kawza tigi differita ghall-udjenza tal-28 ta' April 2015 biex jissokta dwar il-mertu tal-allegat incident li wassal ghat-Talba Attrici."*

Is-socjeta appellanti appellat u talbet lil din il-qorti sabiex:-

*".... thassar u tirrevoka s-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur sollevata mill-appellanti u filwaqt illi tilqa' din l-istess eccezzjoni tichad it-talbiet attrici kollha hekk kif diretti kontriha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata."*

Permezz ta' twegiba (fol. 13) prezentata fil-31 ta' Lulju 2015 l-appellata tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

**<u>AGGRAVJI.</u>**

L-appellanti tilmenta li:

*"2. Illi s-socjeta' intimata kienet argumentat illi l-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna kellu jkun min kien qed isuq il-vettura li fiha kienet passigiera l-appellanti u mhux sid tal-vettura/il-principal tas-sewwieq.*

*3. Illi t-Tribunal, ghalkemm mhux b'mod car, donnu qabel ma' din it-tezi ghaliex l-unika raguni illi nghatat sabiex il-kawza tipprosegwi kienet illi s-socjeta' konvenuta, permezz ta' eccezzjoni ohra taghha (illi la hi u l-ebda mill-impjegati taghha ma huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni) kienet "qed tintroduci "impjegat taghha" ghalkemm m'hemmx xi talba formali ta' sejha fil-kawza" u ghaldaqstant, in vista ta' dan, it-Tribunal ordna illi l-kawza titkompla."*

Da parti taghha l-appellata argumentat li kellha diversi rimedji, fosthom azzjoni kontra:-

(a) s-socjeta' konvenuta fuq bazi kuntrattwali;
(b) s-socjeta' konvenuta ghal delitt jew kwazi-delitt;
(c) x-xufier ghal delittt jew kwazi-delitt.

Il-qorti tibda biex tosserva li jidher li l-appellanti qeghda tappella minn provvediment u mhux minn sentenza. Fl-ordni li nghatat mit-Tribunal fis-7 ta' April 2015 m'hemmx dikjarazzjoni espressa li t-Tribunal jichad it-tieni eccezzjoni. Sahansitra lanqas ma pprovda dwar l-ispejjez ta' dik l-eccezzjoni.

Is-socjeta appellanti ghazlet li tharrek lis-socjeta appellanti. Ma tistax *a priori* tigi eskluza r-reponsabbilta tal-appellanti qabel jinstemghu l-provi. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li s'issa ma nstemghux provi. Dan apparti li jekk mill-provi jirrizulta li fil-fatt l-appellata wegghet waqt li kienet riekba fuq xarabank ta' Arriva Malta Limited u waqt li kienet qeghda tinstaq minn xufier impjegat mill-istess socjeta, kif tajjeb qalet l-appellanti r-rimedju taghha m'huwiex bilfors biss kontra x-xufier.

Fir-rikors tal-appell, is-socjeta appellanti argumentat ukoll:

*"6. Illi jekk, ghall-grazzja tal-argument, it-Tribunal kellu jsib illi xi hadd mill-impjegati tas-socjeta' appellanti huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-appellata, xorta wahda dan ma jkunx bizzejjed sabiex is-socjeta' appellanti tigi kkundannata thallas hi stess d-danni bhala l-principal tal-impjegat taghha stante illi dan isir biss f'cirkostanzi ristrettissimi biss."*

Pero' min-naha l-ohra ma jfissirx li l-appellanti ma tistax tinstab responsabbli ghall-allegat incident. F'dan ir-rigward jista' jkollha responsabbilta bhala principal tax-xufier (ara Artikolu 1037 tal-Kodici Civili) u/jew bhala l-kumpannija li kienet qeghda toffri s-servizz tal-garr. Pero' dawn huma materji li jridu jigu trattati quddiem it-Tribunal wara li kull parti jkollha l-opportunita' li tressaq il-provi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-appellanti sabiex thallas ghal darbtejn l-ispejjez tal-appell**.

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem it-Tribunal sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.